MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2001

Citazzjoni Numru. 2197/2000/1

**Alfred GERA de PETRI kemm personalment kif ukoll ghan-nom tal-kumpanija RUSSELL PROPERTIES LIMITED**

**vs**

**Raymond u Rosanne konjugi FALZON kemm personalment kif ukoll**

**ghan-nom tal-kumpanija ANNA'S TRADING COMPANY LIMITED.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tad-29 ta' Settembru, 2000, li bih l-esponent bil-gurament ikkonferma:

Illi l-esponent ghandu titolu esekuttiv kontra l-intimat peress illi dan ta' l-ahhar ikkostitwixxa ruhu veru, cert u likwidu debitur ta' l-esponent ghas-somma ta' hamest elef, seba' mija, tlieta u tmenin lira maltin, sittax-il centezmu u sitt millesmi (Lm5,783.16,6) permezz ta' kuntratt pubbliku datat 14 ta' Settembru, 1994 fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Falzon kopja ta' liema qed tigi hawn annesssa u mmarkata Dok A;

Illi l-intimat gie interepellat kemm il-darba sabiex jissalda d-debitu tieghu, anke permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 23 ta' Frar, 1999 u 7 ta' April, 1999, (kopji ta' liema qeghdin jigu hawn annessi u mmarkati Dok B u C rispettivament) izda sal-gurnata tal-lum baqa' inadempjenti;

Illi l-esponent ghandu interess li jipprocedi bl-esekuzzjoni tat-titolu esekuttiv fuq imsemmi izda llum ghaddew hames snin minn meta dan l-istess titolu esekuttiv setgha jigi esegwit mill-esponent;

Ghalhekk l-esponent talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti l-permess lill-esponent sabiex huwa jkun jista jmexxi ghall-esekuzzjoni tat-titolu esekuttiv fuq imsemmi u cioe' tal-kuntratt datat 14 ta' Settembru fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Falzon;

Rat li l-intimati *proprio et nomine*, notifikati kif imiss fit-23 t'Ottubru, 2000, naqsu li jikkontestaw it-talba jew li jkunu presenti meta ssejjah ir-Rikors;

Semghet lill-Avukat tal-intimati *proprio et nomine* jissottometti f'isimhom li r-rikorrenti messu ipproceda mod iehor biex jirrendi l-kuntratt esekuttiv qabel ma ghadda t-terminu ta' hames (5) snin imsemmi mill-artikolu 258 tal- Kap 12;

Semghet it-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet dwar dik is-sottomissjoni;

Rat id-Degriet taghha tas-27 ta' Novembru, 2000, li bih halliet is-smiegh tar-Rikors ghal-lum ghall-provvediment dwar il-validita' tal-procedura mehuda mir-rikorrent fil-kwalita' tieghu premessa, u li fih tat lill-istess rikorrent il-fakolta' li jressaq Nota ta' Riferenzi;

Rat in-Nota ta' Riferenzi tar-rikorrent *proprio et nomine* tal-15 ta' Dicembru, 2000 (pagni 22 sa 31 tal-process);

## ***Ikkunsidrat:***

Illi r-rikorrent qieghed iressaq dan ir-Rikors biex jirrendi esekuttiv att pubbliku li fih, fost affarijiet ohrajn, l-intimati *proprio et nomine*, iddikjaraw li huma ghandhom jaghtuh is-somma hemm imsemmija, flimkien mal-ispejjez ta' proceduri gudizzjarji li kien hemm pendnenti bejniethom;

Il-ligi tal-Procedura tghid li l-kuntratti rcevuti minn Nutar pubbliku ta' Malta huma titoli esekuttivi [art. 253(b) tal-Kap 12];

Illi, minbarra dan, l-esekuzzjoni ta' kull titolu esekuttiv li mhux sentenza definittiva minghajr kundizzjoni, tista' ssir biss b'effett minn tal-anqas jumejn (2) min-notifika tad-debitur b'att gudizzjarju li jkun fih sejha ghall-hlas [art. 256 (2) tal-Kap 12];

Mill-provi mressqa, jirrisulta li r-rikorrent sehhlu jinnotifika lill-intimati personalment b'att gudizzjarju fis-26 ta' Frar, 1999 (pagna 13 tal-process), izda ma sehhlux jinnotifika lis-Socjeta' intimata qabel ma wettaq procedura bl-affissjoni fit-22 ta' Lulju, 1999 (ara pagna 15 tal-process);

Ta' min jghid li, meta gew imressqin l-ittri ufficjali fuq imsemmija, ma kinux ghaddew hames (5) snin mid-data tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt li bis-sahha tieghu dawk l-ittri nhargu;
Illi, minn dan kollu jsegwi, li l-kuntratt seta' jigi esegwit fl-ahhar ta' Frar, 1999, dwar l-intimati mizzewgin Falzon personalment, u mill-24 ta' Lulju, 1999, dwar il-kumpanija intimata;

Illi l-artikolu 258 tal-Kap 12 jghid li l-procedura bir-rikors ghall-esekuzzjoni ta' titolu esekuttiv tista' ssir wara l-eghluq tal-hames snin minn dak inhar li t-titolu esekuttiv seta' jigi esegwit;

Illi huwa minhabba f'hekk li l-intimati ressqu oggezzjoni ghall-procedura mwettqa mir-rikorrent *proprio et nomine* f'dawn l-atti, u dan billi l-hames snin minn mindu l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu seta' jigi esegwit ma kinux ghadhom skadew;

Illi, ghar-rigward tat-tifsira xierqa ta' dak li jghid l-artikolu 258, ir-rikorrent ghamel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Kummercjali) fl-**4 ta' Marzu, 1993**, fil-kawza fl-ismijiet Mario Galea Testaferrata et vs Maria Borg et, li, ghalkemm inghatat qabel ma l-artikolu msemmi gie mibdul bl-ATT XXIV tal-1995, kien jirrigwarda cirkostanza li tixxiebah hafna ma' dik mahluqa bl-"eccezzjoni" presenti tal-intimati;

Illi, fost il-principji miruta mill-imsemmija sentenza, wiehed isib li (a) iz-zmien ta' hames snin imsemmija f'dak l-artikolu (qabel il-bidliet tal-1995, it-terminu kien ta' tliet snin) huwa wiehed ta' dekadenza u mhux ta' preskrizzjoni; (b) li tali principju huwa ta' ordni pubbliku; (c) li l-frazi "seta' gie esegwit" tirreferi ghat-titolu nnifsu, u dan b'effett minn meta t-titolu tal-kreditur jikseb il-potenzjalita' ta' esekuzzjoni; (d) li l-jumejn min-notifika tal-att gudizzjarju m'humiex ghajr il-bidu tat-twettiq tal-potenzjalita' ta' esekuzzjoni u hija biss parti mir-ritwalita' tal-esekuzzjoni ta' certi titoli imma mhux tat-titolu nnifsu;

Illi, fil-kaz presenti, il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tal-14 ta' Settembru, 1994, kien u hu titolu esekuttiv min-natura

tieghu nnifsu ta’ att pubbliku rcevut min-Nutar pubbliku Malti: u seta’ jigi esegwit minn mindu nholoq, fis-sens li l- kreditur seta’ ressaq l-att gudizzjarju bit-talba ghall-hlas dak inhar stess u l-esekuzzjoni ssir jumejn wara n-notifika ta’ dak l-att;

Illi r-Rikors presenti gie mressaq sitt (6) snin u hmistax-il (15) jum wara l-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu, u b’hekk izjed minn hames snin minn meta l-istess att seta’ jigi esegwit;

Ghalhekk, il-Qorti ssib li l-procedura segwita mir-rikorrent *proprio et nomine* kienet xierqa, u l-oggezzjoni tal-intimati ghal tali procedura ghandha titqies mhux misthoqqa;

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-**Qorti qeghda tordna li jissokta s-smiegh tar-Rikors**;

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------